



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0228 (COD)

6115/21
ADD 1

TRANS 72
FIN 107
CADREFIN 61
POLGEN 22
REGIO 18
ENER 39
TELECOM 59
COMPET 98
MI 85
ECO 24
CODEC 186

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014

- Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-6 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014, bħala waħda mill-proposti relatati mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (minn hawn 'il quddiem: QFP). Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-bażi ġuridika għall-Programm FNE għall-perijodu wara l-2020.
2. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) intgħażlu bħala l-kumitati konġunti ewlenin. Ir-rapport ġie vvutat b'mod konġunt miż-żewġ kumitati f'Novembru 2018 u ġie kkonfermat fil-plenarja f'Diċembru 2018. Fil-leġiżlatura l-ġdida s-Sur Dominique RIQUET (Renew, FR), is-Sur Marian-Jean MARINESCU (PPE, RO) u s-Sa Henna VIRKKUNEN (PPE, FI) inhattru korapporteurs għall-proposta.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2018.
4. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Ottubru 2018.
5. Fil-Kunsill, wara diskussjonijiet fil-livell tekniku fil-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza, il-Kunsill TTE laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar il-proposta fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Diċembru 2018. Sussegwentement, saru negozjati ta' trilogu mal-Parlament Ewropew. L-elementi li tpoġġew f'parentesi kwadri fit-test tal-approċċ ġenerali parzjali tħallew barra mill-ambitu tan-negozjati f'dak l-istadju, peress li l-ewwel kien meħtieġ aktar progress fil-livell orizzontali, inkluż gwida politika tal-Kunsill Ewropew dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027, biex il-Kunsill ikun jista' jstabbilixxi l-pożizzjoni tiegħu dwar dawn il-partijiet.

6. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ħa nota ta' rapport ta' progress¹, u kkonferma l-fehim komuni, li rrifletta s-sitwazzjoni attwali tan-negozjati mal-Parlament Ewropew li ntlaħaq fit-trilogu fis-7 ta' Marzu 2019. Il-plenarja tal-Parlament Ewropew ikkonfermat ukoll dan il-fehim komuni fis-17 ta' April 2019 billi adottat il-pożizzjoni tagħha fl-ewwel qari.
7. Wara l-laqgħa tiegħu ta' bejn is-17 u l-21 ta' Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew ħareġ gwida politika għall-fajls kollha relatati mal-QFP (ara d-dokument 00010/20). Konsegwentement, bil-ħsieb li jitkomplew in-negozjati mal-Parlament Ewropew, il-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza (FNE) ħejjiet mandat rivedut² li ġie approvat mill-Coreper fit-23 ta' Settembru 2020.
8. Sussegwentement, saru tliet trilogi informali fis-26 ta' Ottubru, fil-11 ta' Diċembru 2020 u fit-22 ta' Jannar 2021.
9. Fl-aħħar trilogu li sar fil-11 ta' Marzu 2021, intlaħaq qbil proviżorju ġenerali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew f'konformità mal-mandat li ġie mġedded mill-Coreper fl-10 ta' Marzu 2021. Fl-24 ta' Marzu 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess finali kif maqbul fit-trilogu.
10. Fil-laqgħa konġunta tal-kumitati TRAN u ITRE tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2021, l-istess test ta' kompromess proviżorju ġie approvat. Sussegwentement, il-Presidenti tal-Kumitati TRAN u ITRE indirizzaw ittra konġunta bid-data tat-23 ta' April 2021 lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn stqarrew li, jekk il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari f'konformità mal-qbil proviżorju ġenerali miftiehem, huma jirrakkomandaw lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti.

¹ ST 7207/19, 7207/19 ADD 1 u 7207/19 COR 1.

² ST 11137/20.

II. OBJETTIV

11. L-objettiv ġenerali tar-Regolament huwa li jistabbilixxi l-bażi ġuridika għall-Programm FNE għall-perijodu wara l-2020. L-FNE għandha l-objettiv ġenerali li tibni, tiżviluppa, timmodernizza u tlesti n-networks trans-Ewropej fil-qasam tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali, u li tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li tqis l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul, tikkontribwixxi għaż-żieda fil-kompetittività Ewropea, għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u għall-koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika, għall-aċċess u l-integrazzjoni tas-suq intern u b'enfasi fuq is-sinerġiji bejn is-settur tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Kuntest proċedurali

12. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu ftehim bikri fit-tieni qari abbażi tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. It-test tal-abbozz ta' pożizzjoni tal-Kunsill jirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġislaturi.

Sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin

13. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq qbil bejn il-koleġislaturi:

Dispożizzjonijiet orizzontali u relatati mat-trasport:

14. Użu doppju ċivili u militari tal-infrastruttura: Sabiex ikun jista' jsir użu doppju ċivili u ta' difiża tal-infrastruttura tan-networks ewlenin jew komprensivi tat-TEN-T, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tiddefinixxi r-rekwiżiti speċifiċi addizzjonali tal-eliġibbiltà li ser japplikaw għal azzjonijiet relatati mal-adattament tan-network għal użu doppju ċivili u ta' difiża.

15. Azzjonijiet eliġibbli: Il-koleġiżlaturi qablu li jestendu l-azzjonijiet eliġibbli għal finanzjament għal numru ta' proġetti li ser ikopru, fost l-oħrajn, il-konnessjonijiet transfruntiera u l-konnessjonijiet neqsin elenkati fil-Parti III tal-Anness, il-portijiet marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni fuq in-network komprensiv kif ukoll il-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej bil-għan li tittejjeb il-konnettività tat-territorji periferali u iżolati.
16. Rati ta' kofinanzjament (trasport u enerġija): Il-koleġiżlaturi qablu li jżommu l-prinċipju tad-differenzjar tar-rati ta' kofinanzjament bejn tipi differenti ta' azzjonijiet bl-oġettiv li l-FNE tiffoka fuq l-aktar azzjonijiet kruċjali, speċjalment fuq proġetti transfruntiera. Ir-rati massimi ta' kofinanzjament żdiedu b'appoġġ għal numru ta' azzjonijiet li b'mod partikolari huma mmirati lejn strutturi ta' ġestjoni integrata, bħal impriżi konġunti, kif ukoll sinerġiji. Dawn l-azzjonijiet jikkonċernaw fost l-oħrajn l-interoperabbiltà marittima, tal-passaġġi fuq l-ilma interni u dik ferrovjarja, filwaqt li l-FNE ser tkompli tiffoka fuq miżuri transfruntiera. Barra minn hekk, ammont dedikat mill-FNE ser jintuża biex jitlestew konnessjonijiet ferrovjarji transfruntiera kbar neqsin bejn il-pajjiżi tal-koeżjoni biex jiġi appoġġat il-funzjonament tas-Suq Uniku, u għal dan l-ammont ser japplikaw ir-regoli ta' kofinanzjament tat-trasferiment mill-Fond ta' Koeżjoni għall-FNE.
17. Baġit tal-FNE: Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-ammonti tal-baġit maqbula mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern fil-laqgħa tagħhom ta' bejn is-17 u l-21 ta' Lulju 2020. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tressqu wkoll f'konformità mad-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni fir-rigward tal-ammonti ttrasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni.
18. Dispożizzjoni dwar ir-reċiproċità: Il-koleġiżlaturi qablu li jinkludu dispożizzjoni li tiżgura l-parteeipazzjoni reċiproka tal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni fi programmi ekwivalenti ta' pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-Programm FNE.

19. Diversi dispożizzjonijiet oħra nbidlu wara l-approċċ orizzontali tal-Kunsill għall-fajls kollha tal-QFP. Dawn jikkonċernaw b'mod partikolari l-istabbiliment tal-Programm fl-Artikolu 1 għall-perijodu 2021-2027, u d-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament kumulattiv u alternattiv. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ fl-oqsma ta' politika rilevanti u biex tkun tista' ssir l-implimentazzjoni sa mill-bidu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, mill-1 ta' Jannar 2021 ġiet introdotta dispożizzjoni dwar l-applikazzjoni retroattiva.

Dispożizzjonijiet dwar l-enerġija:

20. Proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli: Fl-ispirtu tal-allokazzjoni ta' ċertu perċentwal ta' finanzjament għall-oġġettivi tal-klima, il-Kunsill żied l-ammont li jista' jiġi allokati għal proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli, u ppreveda trasferiment possibbli għall-bqija ta' dawn il-fondi allokati għall-mekkaniżmu ta' finanzjament rinnovabbli, jekk id-dħul attwali fis-suq minn proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli jibqa' lura.
21. Kriterji għall-għoti u programmi ta' ħidma: Il-Kunsill talab ukoll konsistenza mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" fid-definizzjoni tal-kriterji għall-għoti, u appella għal enfasi partikolari fuq il-programmi ta' ħidma għal azzjonijiet immirati lejn l-integrazzjoni aħjar tas-suq intern għall-enerġija, it-tmim tal-iżolament fil-qasam tal-enerġija u l-eliminazzjoni tal-punti ta' konġestjoni fl-interkonnessjoni tal-elettriku.

Dispożizzjonijiet diġitali:

22. Sinerġiji tal-azzjonijiet: Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għandha l-għan li timmassimizza s-sinerġiji tal-azzjonijiet appoġġati mill-Programm, fir-rigward tal-muturi soċjoekonomiċi f'qasam partikolari u l-livell ta' finanzjament meħtieġ biex tiġi varata l-infrastruttura diġitali. Filwaqt li tappoġġa l-konnettività tal-ogħla livell għall-muturi soċjoekonomiċi, hija għandha wkoll l-għan li tikseb kopertura komprensiva madwarhom, inkluż l-unitajiet domestiċi wkoll, peress li ma jkunx ekonomikament għaqli li n-nuqqasijiet f'żoni li diġà huma koperti jiġu indirizzati fi stadju aktar tard.

23. Infrastruttura diġitali: Sabiex jiġi żgurat li l-FNE żżomm l-enfasi fuq il-finanzjament tal-infrastruttura, is-servizzi u l-applikazzjonijiet diġitali individwali, bħat-teknoloġiji ta' reġistru distribwit jew l-intelliġenza artifiċjali, ser jibqgħu barra mill-ambitu tal-Programm peress li dawn jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' strumenti oħra ta' finanzjament, bħall-Ewropa Diġitali.
24. Koeżjoni territorjali: Bil-għan li tiżdied il-koeżjoni territorjali tal-Unjoni, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tagħmel enfasi fuq il-ħolqien u, fejn diġà teżisti, il-provvista ta' tnaqqis għall-infrastruttura ewlenija li tgħaqqad ir-reġjuni ultraperiferiċi, il-gżejjer, il-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej, permezz tal-ibħra territorjali u ż-żoni ekonomiċi esklużivi tal-Istati Membri.
- F'dan ir-rigward, il-pożizzjoni tal-Kunsill għandha l-għan ukoll li tikkomplementa l-provvista ta' konnessjoni b'kapaċità terabit adegwata mar-riżorsi tal-informatika Ewropej bi prestazzjoni għolja.
25. Entitajiet eliġibbli: Il-lista ta' entitajiet eliġibbli ġiet estiża wkoll għal impriżi konġunti, u entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej assoċjati mal-FNE. Barra minn hekk, żdiedet klawżola li tiżgura li entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-programm, u entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni, iżda kkontrollati direttament jew indirettament minn pajjiżi terzi u/jew minn nazzjonali ta' pajjiżi terzi u/jew minn entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi, ma jkunux eliġibbli għall-parteciġipazzjoni fl-azzjonijiet kollha, jew f'xi wħud minnhom, għal raġunijiet ta' sigurtà debitament ġustifikati.

IV. KONKLUŻJONI

26. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tissottolinja l-oġettiv ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negożjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

27. Il-Kunsill għalhekk jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negozjati u li, ladarba jiġi adottat, ir-Regolament ser ikompli jkollu rwol ewlieni fil-bini, l-iżvilupp, il-modernizzazzjoni u t-tlestija tan-networks trans-Ewropej fil-qasam tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali.
-